MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Mandat Numru. 130/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 130/2008 fl-ismijiet:**

**Panor Limited (C-27001), u Lawrence Vincent Wismayer (ID 567022(M)) u martu Mary Carmen Wismayer (ID330224(M)).**

**vs**

**Marie Therese Mifsud (ID495347(M) u Gaston Jospeh Mifsud (ID444944(M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' Panor Limted et datat 29 ta' Jannar 2008 a fol. 1 tal-process.

Rat id-digriet tal-Imhallef sedenti moghti fid-29 ta' Jannar 2008 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Frar 2008, u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro parti b'ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Marie Therese Mifsud datata 22 ta' Frar 2008 a fol. 50 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tas-27 ta' Frar 2008 meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti u r-rikorrenti Mary Carmen Wismayer. Dr. Noel Bartolo ghas-socjeta` intimata u Gaston Mifsud rapprezentant ta' l-istess. Dr. Noel Bartolo prezenta nota b' xi dokumenti b'kopja lid-difensuri tal-kontro parti. Dr. Joanne Vella Cuschieri rrilevat li wara l-ittra esebita *seduta stante* hija kienet prezentat nota spjegattiva fl-atti tal-kawza Cit. Nru. 1017/07. Xehdu bil-gurament Lorna Mallia u Gaston Mifsud. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghal-provediment in camera.

Rat ix-xhieda kollha hemm esebita.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija procedura ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimati jigu inibiti milli jiddisponu b'xi mod mill-proprjeta' taghhom u senjatament mill-proprjeta' indikata bin-numri (1) sa (4) fl-istess rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u dan peress li qed jallegaw li huma soffrew danni fl-ammont ta' €2,061,814 u bhala kawzali jirreferu ghal dak indikat fir-rikors guramentat numru 1017/2007. Giet prezentata nota tar-rikorrenti bi prospett ta' allegati danni fejn jissemmew li gie mfixkel il-bejgh ta' diversi proprjetajiet elenkati bl-ittri (i) sa (iv) tal-istess nota.

Illi bir-risposta taghhom l-intimati opponew ghal tali talba peress li sostnew li ma gewx sodisfatti l-elementi essenzjali tal-ligi ghall-hrug ta’ tali mandat u dan peress li ma jirrizultax li r-rikorrenti ghandhom *prima facie* xi drittijiet kontra l-intimati u ma jirrizultax li l-istess rikorrenti ser isofru pregudizzju rremedjabbli u dan fis-sens li jkun necessarju li jinhareg tali mandat. Gie sottomess li l-istess procedura odjerna saret b’rispons ghall-azzjonijiet gudizzjarji li l-intimati hadu kontra l-istess socjeta’ rikorrenti sabiex allegatament jipprotegu l-interessi taghhom.

Illi din il-Qorti thoss li minn dak li jirrizulta minn dawn il-proceduri huwa li jidher li hemm disgwid bejn l-azzjonisti u d-diretturi tas-socjeta' rikorrenti tant li l-intimati kienu inizjaw proceduri ghax-xoljiment u stralc tal-istess socjeta’ rikorrenti fit-8 ta’ Novembru 2006 (Rikors Numru 1015/06/AF). Konsegwenti ghal dan saret talba ghall-mandat ta’ inibizzjoni fit-23 ta’ Mejju 2007 sabiex l-istess socjeta’ tigi inibita milli tiddisponi mill-proprjeta’ taghha nkluz dik hemm specifikatament indikata proprju minhabba l-istess proceduri u sabiex tissalvagwardja l-interess taghha fl-istess socjeta, digriet li gie milqugh fit-12 ta’ Gunju 2007 (777/07).

Illi fit-2 ta’ Ottubru 2007 l-istess rikorrenti odjerni pprezentaw kontra l-intimati rikors guramentat fejn qed jitolbu d-danni minghand l-intimati peress li qed jallegaw li l-istess ostakolaw l-operat tal-kumpanija billi fosthom ghamlu diversi oggezzjonijiet mal-MEPA, talbu l-istralc tal-kumpanija u fuq talba taghhom hareg mandat ta’ inibizzjoni numru 777/07 li permezz tieghu waqqfu lil kumpanija milli tbiegh jew taghmel trasferiment tal-proprjeta’ taghha u dan ikkawza d-danni lill-istess socjeta’ u r-rikorrenti ghaliex minkejja l-offerti li kellhom ma setghux jittrasferixxu l-istess proprjeta’.

Illi sussegwentement s-socjeta’ rikorrenti u r-rikorrenti odjerni pprezentaw rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fejn it-talba taccedi Lm4,000 (€9,317.49) datat 20 ta’ Dicembru 2007 (1906/07/AL) li gie michud b’digriet

datat 18 ta’ Jannar 2008 peress li gie deciz li r-rikorrenti naqsu li jindikaw il-partikolaritajiet tal-intimati skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 874 (2) tal-Kap 12**.

Illi wara sar dan il-mandat ta’ inibizzjoni sabiex ir-rikorrenti jissalvagwardjaw il-kreditu li allegatament ghandhom propost bl-imsemmija azzjoni Rikors 1017/2007/GCD u dan ghaliex jirrizulta li l-kawzali ta’ dan ir-rikors huma biss riferenza ghall-atti tal-istess kawza, ghalkemm f’din il-procedura l-ammont gie kwantifikat ghal dak ta’ €2,061,814.

Illi ovvjament din il-Qorti mhux ser tidhol sabiex tiddeciedi l-mertu tal-kawza fuq indikata, izda hija tenuta biss sabiex tezamina jekk fuq bazi ta’ *prima facie* l-istess rikorrenti ghandhomx id-dritt li qed jippretendu li ghandhom, u dan minn dak indikat fil-proceduri odjerni.

Illi tenut kont ta’ dan din il-Qorti thoss li f’dawn il-proceduri dan ma jirrizultax u dan anke peress li l-istess rikorrenti qed jaghmlu din il-procedura odjerna wara li l-istess intimati pprocedew gudizzjarjament kontra s-socjeta’ rikorrenti sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom bhala azzjonisti minoritarji fl-istess socjeta’ bid-diversi proceduri gudizzjarji msemmija.

Illi minbarra dan jirrizulta wkoll li l-mandat ta’ inibizzjoni odjern gie prezentat diversi xhur wara li giet istitwieta’ l-azzjoni taghhom kontra l-intimati fejn fl-istess rikors guramentat meta ppezentat lanqas biss kien hemm indikat xi ammont ta’ danni u wkoll fl-istess rikors lanqas jidher li qabel kien hemm xi interpellazzjoni ghall-ammont illum indikat f’dan il-mandat; mhux hekk biss izda jirrizulta li l-istess ammont ta’ danni allegati ma giex indikat fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni Numru 1906/07, u dan sar biss permezz ta’ nota datata 10 ta’ Jannar 2008, nota li hija simili ghal dik indikata fil-procedura odjerna.

Illi fuq kollox jirrizulta mix-xhieda ta’ Lorna Mallia li din il-procedura nfethet ghaliex l-istess intimati rrikorrew ghall-proceduri gudizzjarji ndikati nkluz dak tal-hrug ta’ mandat

ta’ inibizzjoni fuq indikat u dan jirrizulta kemm mill-atti tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 1906/07/AL u wkoll mix-xhieda moghtija f’din il-procedura odjerna fejn saret riferenza diretta ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni Numru 777/07 (xhieda datata 27 ta’ Frar 2008) u u ghalhekk din il-procedura hija fuq kollox b’reazzjoni ghall-istess.

Illi dwar il-konsistenza tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fl-ahharnett jigi nnutat ukoll li l-istess xhud l-ewwel tghid li kien hemm proposti sabiex proprjeta’ partikolari tas-socjeta’ rikorrenti tinbiegh ma’ proprjeta’ tar-rikorrenti f’Lulju 2007, izda fl-istess xhieda mbaghad tghid li *“l-proposta saret konkreta fit-23 ta’ Novembru 2007”* u kien hawn li skond hija sar *board meeting.* Min-naha l-ohra l-intimat semma li l-ewwel darba li din issemmiet bhala proposta kien biss f’Novembru 2007 u dan meta allura gja kien jezisti disgwid bejn il-partijiet u anke proceduri gudizzjarji.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi r-rikorrenti ma ppruvawx f’dan l-istadju li ghandhom *prima facie* d-dritt allegat minnhom u wkoll lanqas gie ppruvat li l-hrug tal-mandat huwa necessarju sabiex jitharsu d-drittijiet tar-rikorrenti u b’hekk l-elementi necessarji ghall-hrug ta’ tali mandat ma jezistux u b’dan li t-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-29 ta’ Jannar 2008, **tichad it-talba tar-rikorrenti datata 29 ta’ Jannar 2008 ghall-hrug ta’ mandat ta’ Inibizzjoni.**

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------